MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 1120/1999/1

Rita **CALIGARI**

vs

Joseph **FARRUĠIA** u Linea E Limited

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-17 ta' Mejju, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attriċi talbet li din il-Qorti (i) tħassar jew tħoll il-ftehim ta' kirja mwiegħed lilha

mill-imħarrkin f'Awissu tal-1998, dwar il-ħanut bl-isem "*The Jewry*", Misraħ il-Vitorja, fin-Naxxar, f'każ li l-Qorti ssib li tassew li l-istess ħanut kien inkera lill-attriċi; (ii) f'kull każ, tikkundanna lill-imħarrkin jew lil min minnhom biex iroddulha lura s-somma ta' ħamest elef seba' mija u sitta u sittin lira Maltin (Lm 5,766)[1], jew somma oħra, li hi kienet diġa' ħallsithom bħala rigal u konsiderazzjoni bil-ħsieb tal-kirja tal-imsemmi ħanut, magħdud it-tagħmir u l-attrezzi tiegħu; (iii) tikkundannahom ukoll, jew lil min minnhom, li jroddulha lura s-somma ta' sitt mija u tnejn u erbgħin lira Maltin (Lm 642)[2], jew somma oħra, bħala somma ta' kera minnha mħallas bil quddiem bir-rata ta' tliet liri Maltin (Lm 3) kuljum; u (iv) tikkundannahom, jew lil min minnhom, li jħallsuha s-somma ta' danni minnha mġarrbin bi ħtija tagħhom, kemm dawk materjali u kif ukoll dawk konsistenti f'telf ta' qligħ, liema somma tkun likwidata bil-ħidma ta' perit li l-Qorti jogħġobha taħtar għal dan il-għan. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin fis-16 ta' Settembru, 1999, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li l-imħarrek Farruġia mhux il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni u t-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu fil-konfront tiegħu. Fil-każ tal-kumpannija mħarrka, laqgħet billi qalet li t-talbiet attriċi m'humiex mistħoqqa billi hi kienet daħlet f'kirja tajba mal-attriċi iżda kienet l-istess attriċi li, wara li damet tmexxi l-ħanut għal madwar tmien xhur, ħallet il-ftehim billi qabdet u għalqet il-ħanut, żarmatu u ġarret l-istokk li kien hemm fih. Dwar it-talba tar-radd lura tal-ħlas imwettaq, laqgħu billi qalu li dak kien ħlas ta' ħwejjeġ li l-attriċi nqdiet bihom fil-ħanut u ta' kera għal żmien li hija mexxiet l-istess ħanut. Ċaħdu li huma ikkawżawlha xi danni li jridu jagħmlu tajjeb għalihom;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-22 ta' Marzu, 2000[3], li bih ordnat li jitressqu provi dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin;

---

[1] Li jġibu €13,431.15 fi flus tal-lum
[2] Li jġibu €1712.09 fi flus tal-lum
[3] Paġ. 14 tal-proċess

Rat ix-xhieda mressqa quddiem il-Qorti dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

Rat is-Sentenza preliminari tagħha (diversament presjeduta) tat-8 ta' Ġunju, 2001[4], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet l-ewwel eċċezzjoni u ħelset lill-imħarrek Joseph Farruġia milli jibqa' fil-kawża u ċaħdet it-talbiet attriċi safejn dawn jirrigwardaw lilu;

Rat ix-xhieda kollha mressqa mill-partijiet quddiem din il-Qorti;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Frar, 2007[5], li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat li, minkejja ż-żmien mogħti, l-ebda parti ma ressqet is-sottomissjonijiet tagħha u lanqas intalbet li ssir trattazzjoni tal-għeluq bil-fomm minn xi wieħed mill-avukati difensuri tal-istess partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għat-tħassir ta' ftehim u l-għoti ta' kumpens għad-danni minħabba nuqqas ta' twettiq. L-attriċi kienet daħlet f'negozjati biex tibda tmexxi ħanut, iżda tgħid li, xi żmien wara li bdiet tmexxih, sabet li l-ftehim imwiegħed ma setax iseħħ għaliex l-imħarrkin kienu wkoll kerrejja tal-istess post u ma kellhomx is-setgħa li jikruhulha. Triq li titħallas ukoll kumpens għad-danni li ġarrbet minħabba li kellha titlaq mill-ħanut;

---

[4] Paġġ. 84 - 91 tal-proċess
[5] Paġ. 225 tal-proċess

Illi l-imħarrkin laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li l-imħarrek Joseph Farruġia, personalment, ma kellu x'jaqsam xejn man-negozju u l-kawża ma messhiex saret ukoll kontrih. Dwar il-bqija, laqgħu billi qalu li t-talbiet attriċi m'humiex mistħoqqa billi l-kumpannija mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "LEL") kienet daħlet f'kirja tajba mal-attriċi iżda kienet l-istess attriċi li, wara li damet tmexxi l-ħanut għal madwar tmien xhur, ħallet il-ftehim billi qabdet u għalqet il-ħanut, żarmatu u ġarret l-istokk li kien hemm fih. Dwar it-talba tar-radd lura tal-ħlas imwettaq, laqgħu billi qalu li dak kien ħlas ta' ħwejjeġ li l-attriċi nqdiet bihom fil-ħanut u ta' kera għal żmien li hija mexxiet l-istess ħanut. Ċaħdu li huma ikkawżawlha xi danni li jridu jagħmlu tajjeb għalihom;

Illi b'sentenza preliminari tat-8 ta' Ġunju, 2001, l-ewwel eċċezzjoni ntlaqgħet u l-imħarrek Joseph Farruġia nħeles milli jibqa' fil-kawża bi spejjeż għall-attriċi;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li LEL kienet tikri ħanut tad-deheb jismu "*The Jewry*" li jinsab f'numru sebgħa (7), Misraħ il-Vitorja, fin-Naxxar. L-attriċi kienet tipprovdi prodotti tal-fidda lil LEL biex jinbiegħu fl-imsemmi ħanut[6]. F'xi żmien tul l-1998, LEL (li għaliha kien jidher l-imħarrek Farruġia) u l-attriċi bdew negozjati biex din tikri l-ħanut u tibda tmexxih hi;

Illi f'Mejju ta' dik is-sena, l-attriċi kisbet self minn bank bil-għan li tagħlaq faċilita' bankarja li kellha ma' bank ieħor u biex tikseb il-kirja tal-ħanut[7], wara li kienet ressqet talba għaldaqshekk mal-istess bank f'April[8]. Kien l-imħarrek li laqqagħha mal-bank fil-fergħa li huwa kien klijent tagħha[9]. L-attriċi bdiet tmexi l-ħanut f'April[10] u għaddiet il-ħlas tal-iskadenza tal-kera lil LEL;

Illi fis-6 ta' Awissu tal-1998, l-attriċi nħarġitilha l-faċilita' bankarja li kienet talbet[11]. Ftit jiem wara, ntlaħaq qbil bejn

---

[6] Xhieda tal-imħarrek 15.111.2000 u Dok "LEL1", f'paġġ. 43 – 3 u 36 *tergo* tal-proċess
[7] Dok "VS1", f'paġġ. 17 – 9 tal-proċess
[8] Dok "LE1", f'paġ. 36 tal-proċess
[9] Xhieda ta' Victor Spiteri 14.6.2000, f'paġġ. 27 u 30 tal-proċess
[10] Xhieda tagħha 9.11.2001, f'paġ. 95 tal-proċess
[11] Dok "AB1", f'paġ. 169 tal-proċess

LEL u l-attriċi dwar il-kirja. Fit-13 ta' Awissu, 1998[12], l-attriċi ħallset sbatax-il elf mitejn u għoxrin lira Maltija (Lm 17,220)[13] lil LEL[14] suġġett għall-kundizzjoni li jsir ftehim bil-miktub dwar l-istess kirja. Dik is-somma kienet tgħodd fiha l-prezz maqbul talistokk li kien hemm fil-ħanut (Lm 11,800), t-tagħmir u attrezzi tal-istess (Lm 3,800), il-prezz tal-*air conditioning unit* (Lm 400), l-avvjament (Lm 1,000), l-assikurazzjoni (Lm 206) u mgħaxijiet (Lm 366). Minn dik is-somma kollha tnaqqsu Lm 346. Dak iż-żmien, kienet titħallas kera ta' tliet liri Maltin (Lm 3) kuljum lil sid il-ħanut, liema kera kienet titħallas kull tliet (3) xhur bil quddiem. L-attriċi ħallset żewġ skadenzi tal-kera, iżda t-tielet skadenza li għaddiet lil LEL permezz ta' *cheque* baqgħet ma tħallsetx[15];

Illi l-attriċi baqgħet tmexxi l-ħanut sa Settembru, wara li kienet ilha titlob lil LEL biex tersaq għall-ftehim bil-miktub tat-twellija u wara li saret taf li sid il-ħanut ma kienx ta l-kunsens tiegħu li l-ħanut jgħaddi f'idejha;

Illi l-kawża nfetħet f'Mejju tal-1999 u f'Settembru tal-istess sena (dak inhar li tressqet in-Nota tal-Eċċezzjonijiet) LEL iddepożitat b'ċedola taħt l-awtorita' tal-Qorti, t-tagħmir u l-attrezzi li l-attriċi ħalliet warajha fil-ħanut[16];

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> jinstiltu mill-fatti kif jirriżultaw mill-atti tal-kawża. Jibda biex jingħad li għalkemm l-attriċi qiegħda titlob li l-Qorti tiddikjara r-rexissjoni tal-ftehim milħuq bejnha u LEL, kull arranġament li seta' kien intlaħaq bejn il-partijiet kien diġa' ntemm qabel ma nfetħet din il-kawża. Dan jidher mill-mod kif l-attriċi nnifisha ġabet ruħha wara Settembru tal-1998, kif xehdet hija stess, u mir-raġunijiet li għalihom hija qalet li għamlet hekk[17]. Minbarra dan, baqa' ma tfisser qatt ċar biżżejjed tul is-smigħ kollu tal-kawża x'għamla ta' ftehim kien intlaħaq bejn LEL u l-attriċi, jew jekk dan kienx tassew finalizzat b'mod li formalment daħal fis-seħħ.

---

[12] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[13] Li jġibu €40,111.81 fi flus tal-lum
[14] Dok "LE2", f'paġ. 37 tal-proċess
[15] Dok "LE8", f'paġ. 58 tal-proċess
[16] Dok "CR1", f'paġġ., 221 – 4 tal-proċess
[17] Xhieda tagħha 31.1.2006, f'paġ. 155 tal-proċess

Jidher li l-ħsieb kien dak ta' twellija ta' stabiliment avvjat bl-istess negozju li kienet tagħmel LEL. Madankollu, qatt ma sar il-ftehim aħħari, kien x'kien, li l-partijiet kienu qegħdin jaħsbu dwaru. Kemm hu hekk, meta nħarġet ir-riċevuta tat-13 ta' Awissu, 1998, inkitbu l-kliem "*subject to signing of contract*" biex juri li, sa dak inhar, l-arranġament kien għadu fi stadju preliminari;

Illi minbarra dan, fl-okkażjoni tal-istess ftehim, l-attriċi kienet qablet ukoll li tixtri l-istokk li kien hemm fil-ħanut u wkoll l-attrezzi li bihom kien mgħammar. Dak il-bejgħ seħħ f'Awissu u l-attriċi ħadet l-istess stokk billi ħallset għalih, u dwar dan hija ma ressqet l-ebda pretensjoni kontra LEL u lanqas inkludiet xi talba għat-tħassir tal-imsemmi bejgħ. It-tagħmir tal-ħanut kienet ilha tinqeda bih sa minn April ta' qabel, jiġifieri sa minn meta ħadet iċ-ċavetta tal-post f'idejha. Dwar l-attrezzi, għalkemm l-attriċi ma ħadithomx magħha meta ħarġet mill-ħanut, dawn tqiegħdu minn LEL b'ċedola taħt l-awtorita' tal-Qorti ftit xhur wara. Allura wieħed jistaqsi x'inhu dak li l-attriċi qiegħda titlob it-tħassir tiegħu;

Illi huwa magħruf li r-rexissjoni hija waħda mill-għamliet maħsuba fil-liġi dwar kif jintemmu l-obbligazzjonijiet[18] u li meta sseħħ il-partijiet jerġgħu jitqiegħdu fl-istat li fih kienu qabel il-ftehim[19]. Huwa minnu li l-liġi tagħti l-jedd tar-rexissjoni wkoll dwar xi taqsima minn ftehim sħiħ li jkun magħmul minn aktar minn taqsima waħda li ma jkollhiex x'taqsam mal-oħra[20]. Daqstant ieħor ir-rexissjoni tista' tintalab ukoll dwar kull ftehim li fih tkun nieqsa xi waħda mill-kundizzjonijiet essenzjali u meħtieġa għas-siwi ta' kuntratt[21];

Illi fl-ewwel talba tagħha, l-attriċi qiegħda titlob espressament ir-rexissjoni tal-ftehim. Jista' jkun li hija fil-fatt qiegħda titlob ir-riżoluzzjoni tal-ftehim, u dan billi l-azzjoni kollha tinbena fuq l-inadempiment ta' LEL, kif jixhdu bosta mill-premessi li jippreċedu t-talbiet;

[18] Art. 1145(ġ) tal-Kap 16
[19] Art. 1209(1) tal-Kap 16
[20] Art. 1211(1) tal-Kap 16
[21] Art. 1212 tal-Kap 16

Illi għalkemm sottili, id-differenza bejn iż-żewġ talbiet hija ċara fil-liġi: fil-każ tar-rexissjoni, il-kuntratt ikun jiswa, imma jkun difettuż u għalhekk jista' jitħassar; fil-każ tar-riżoluzzjoni tal-kuntratt, dan ikun jiswa minn kollox, ma jkollu l-ebda difett kostitutiv, imma jkun suġġett għat-tħassir tiegħu minħabba li xi waħda mill-partijiet ma tkunx wettqet ir-rabta tagħha taħt l-istess kuntratt[22]. Minbarra dan, l-azzjoni għar-rexissjoni minħabba vizzju tal-kunsens jew minħabba żball sostanzjali dwar il-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim (jekk tirriżulta ippruvata) twassal dejjem għat-tħassir minnufih ta' dak kollu li jkun sar qbil dwaru u kollox jitqiegħed fl-istat li kien qabel il-kuntratt. Min-naħa l-oħra, fl-azzjoni għar-riżoluzzjoni jew ħall tal-kuntratt minħabba nuqqas ta' twettiq, ir-rabta kuntratwali ma tinħallx jekk fiż-żmien li tagħti l-Qorti d-debitur jilħaq iwettaq dak li kien naqas li jagħmel f'waqtu[23] u dan b'applikazzjoni tal-*proviso* tal-artikolu 1068 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi għalhekk, safejn il-Qorti ntalbet tagħti xi dikjarazzjoni dwar il-ħall tal-ftehim bejn l-attriċi u LEL dwar it-tmexxija tal-ħanut m'għadux meħtieġ li dan isir aktar, kemm għaliex baqa' ma ntweriex eżatt x'kien il-ftehim milħuq u kif ukoll għaliex jirriżulta li kulma seta' kien miftiehem inħall bl-imġiba nnifisha tal-attriċi u aċċettata minn LEL;

Illi huwa ċar ukoll li l-azzjoni attriċi tinbena fuq in-nullita' tal-ftehim. L-attriċi tindika li dan ġara għaliex qalet li, wara li kien ilha xi żmien fil-post, xi ħadd qalilha li LEL kienet biss il-kerrejja tal-ħanut, li ma kellhiex il-jedd li tissulloka jew twellih u li sid il-post ma riedx jagħrafha bħala l-okkupant il-ġdid. LEL tiċħad dawn iċ-ċirkostanzi allegati mill-attriċi. Biex kuntratt jitqies mingħajr siwi jeħtieġ ikun hemm nuqqas f'xi waħda jew aktar mir-rekwiżiti essenzjali maħsuba fil-liġi sabiex kuntratt ikun jiswa[24]. "*Il contratto, e, piu` in generale, il negozio non e` valido quando non risponde ai requisiti indicati dalla legge (ad esempio, requisiti di forma); in tal caso si dice che il contratto e` nullo; oppure quando e` stato concluso in particolari circostanze che hanno viziato la formazione o la*

---

[22] P.A. DS **23.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vinċenza Vassallo vs Edgar Caruana Montalto et***

[23] P.A. **10.6.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Grech*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.955**)

[24] Art. 966 tal-Kap 16

*dichiarazione di volonta` (errore materiale, violenza subita dalla parte che non intendeva accettare le condizioni proposte dall'altra, raggiro subito da una delle parti); in tal caso si dice che il contratto e` annullabile*"[25];

Illi ladarba l-attriċi ssejjes il-każ kollu tagħha fuq l-allegata mala fidi ta' LEL (jew min deher f'isimha), u tallega li din il-mala fidi kienet determinanti biex għawġet il-kunsens tagħha biex tħajjarha tidħol għall-kirja, dan ifisser li jitwieldu żewġ konsiderazzjonijiet legali. L-ewwel konsiderazzjoni hi li dik il-kawżali hija raġuni ta' annullabilita' tal-ftehim u mhux ta' nullita' *ab initio*, li jfisser li l-kuntratt ikun jeżisti sakemm ma jitwaqqax[26]. It-tieni konsiderazzjoni hi li ladarba l-għamil doluż ma jistax ikun preżunt imma jmisssu jkun ippruvat[27], jaqa' fuq l-attriċi l-piż li tippruvah kif imiss fil-konfront ta' LEL[28];

Illi tajjeb li jingħad li għal ċertu tul ta' żmien l-attriċi baqgħet tmexxi l-post. Jista' jagħti l-każ li qagħdet fuq l-imħarrek li beda jġibilha raġunijiet dwar in-nutar li kien tqabbad biex jagħmel il-ftehim definittiv u l-ġrajjiet li kienu għaddejjin minħabba l-Elezzjoni Ġenerali li kienet riesqa. Iżda baqa' qatt ma ntwera lill-Qorti fiex kienet tikkonsisti tassew il-problema li żammet lill-attriċi milli tibqa' żżomm il-ħanut. Baqa' ma tressaqx (għaliex ħadd ma jidher li kellu aktar kopja f'idejh) il-kuntratt tal-kirja li LEL kellha dwar il-ħanut. Baqa' ma tressaqx b'xhud sid il-post (għaliex, f'xi żmien mhux determinat ma baqax jgħix f'Malta). Lanqas ma ntwera li tassew kien hemm xi abbozz ta' ftehim li kellu jifformalizza l-arranġament milħuq bejn l-attriċi u LEL. Minkejja dan, l-attriċi baqgħet toffri l-ħlas tal-kera tal-istess ħanut. Jibqa' l-fatt ukoll li l-attriċi ma seħħilhiex turi li LEL tassew kienet miżmuma milli twellilha l-ħanut u sa dak inhar li effettivament ħarġet minnu ma kienet irċeviet l-ebda talba jew ordni biex titlaq il-post;

---

[25] G. Alpa <u>*Corso di Diritto Contrattuale*</u> (Cedam 2006), paġ. 120

[26] P.A. DS **6.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Ian Busuttil et vs Carmen Taliana***

[27] Art. 981(2) tal-Kap 16

[28] App. Kumm. **31.3.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit et vs Farruġia et*** (Kollez. Vol: **LI.i.546**)

Illi l-Qorti tifhem li r-raġuni li wasslet lill-attriċi biex toħroġ mill-ħanut u ttemm it-tmexxija tiegħu ma kellhiex x'taqsam ma' xi nuqqas min-naħa ta' LEL, iżda miċ-ċirkostanzi personali tagħha, fosthom il-qagħda finanzjarja mwiegħra li dak iż-żmien kienet sabet ruħha fiha. Dan ħareġ mill-provi permezz tax-xhud rappreżentant tal-bank li miegħu l-attriċi kellha dak iż-żmien faċilita' biex tgħinha tmexxi l-istess ħanut[29]. F'dan ir-rigward, qajla jista' jingħad li l-kwestjoni dwar jekk LEL setgħetx twellilha l-ħanut jew jekk is-sid kienx għarafha bħala l-okkupant il-ġdid kienet ir-raġuni determinanti għall-bidla fiċ-ċirkostanzi tal-attriċi. Hekk ukoll ma ntweriex li għall-qagħda finanzjarja ħażina tal-attriċi kienet taħti LEL jew in-nuqqas ta' formalizżazzjoni tal-ftehim f'kitba aħħarija;

Illi dan iwassal għall-istħarriġ tat-talbiet attriċi l-oħrajn. Jidher li s-somma pretiża fit-tieni talba attriċi – dik ta' Lm 5,766[30] – tikkonsisti fil-bilanċ bejn Lm 17,566 u l-prezz ta' Lm 11,800 miftiehem bħala prezz tal-istokk mixtri mill-attriċi. Għalkemm hija tindika li dik is-somma tħallset "bħala rigal u konsiderazzjoni in kontemplazzjoni tal-kirja tal-ħanut ... kompriċi l-*fixtures*, *fittings* u oġġetti mobbli oħra hemm kontenuti", jidher li l-biċċa l-kbira ta' dik is-somma tħallset għal ħwejjeġ li hija xtrat. Wara li l-Qorti rat sewwa l-provi mressqa u qieset ix-xhieda li ngħatat, jidher li dik it-talba hija mistħoqqa dwar l-ammont imħallas bħala rigal u dwar il-prezz maqbul tal-*air conditioning unit*. Dan hu hekk għaliex, f'tal-ewwel, il-ftehim qatt ma kien formalizzat, filwaqt li f'tat-tieni, dan ma kienx mixtri mill-attriċi u kemm hu hekk tħalla fil-ħanut meta hija ħarġet minnu u lanqas jagħmel mill-ħwejjeġ mobbli depożitati minn LEL fiċ-ċedola tagħha. Għalhekk, għall-finijiet tat-tieni talba attriċi l-Qorti qiegħda tillikwida s-somma ta' tlitt elef mitejn u wieħed u sittin euro (€ 3,261) li jmisshom jitħallsu lura lill-attriċi minn LEL;

Illi għal dak li jirrigwarda t-tielet talba attriċi, din tikkonsisti fil-ħlas lura ta' kera li l-attriċi ħallset kemm damet fil-post. Il-Qorti ma tistax tifhem il-bażi tal-pretensjoni attriċi. Kien

---

[29] Xhieda ta' Adrina Borġ 10.10.2006, f'paġġ. 206 – 9 tal-proċess
[30] Li jġibu €13,431.17 fi flus tal-lum

x'kien l-arranġament li ntlaħaq bejnha u LEL, hija aċċettat minnufih li tibda tmexxi l-ħanut minkejja li ma kienx għad għandha l-faċilita' bankarja li talbet u minkejja li lanqas kien sar ftehim definittiv bejnha u l-istess LEL. Mhux hekk biss, imma l-attriċi ħallset aktar minn skadenza waħda meta kienet taf li l-qagħda tagħha kienet għadha m'hijiex definita. Minbarra dan, meta l-bank kien waqqaf it-tħaddim tal-istess faċilita' hija xorta waħda ħarġet *cheque* għall-import ta' skadenza oħra ta' tliet xhur kera favur LEL, liema *cheque* ma kienx onorat u spiċċa kellu jitħallas minn LEL;

Illi fin-nuqqas ta' argument xieraq u l-għoti ta' raġuni tajba min-naħa tal-attriċi, l-Qorti m'hijiex sejra tilqa' t-tielet talba tagħha;

Illi dwar ir-raba' talba attriċi, mbagħad, ma hemmx x'wieħed jgħid. Il-pretensjoni tad-danni ma ġiet sostanzjata bl-ebda mod. La tressqu provi jew xhieda tal-ammont ta' dannu li l-attriċi suppost li ġarrbet, la dwar telf ta' qligħ li hija rreferiet għalih u wisq anqas ir-raġuni għalfejn għal dawn id-danni kellha twieġeb LEL. Li kieku l-Qorti kellha tilqa' l-istedina tal-attriċi biex taħtar perit legali, kien ikun biss eżerċizzju ta' ħela ta' ħin u nfiq bla bżonn;

Illi għalhekk, lanqas ir-raba' talba attriċi m'hija sejra tinlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tqis aktar l-ewwel talba attriċi**;

**Tilqa' t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet** tal-kumpannija mħarrka, ħlief limitatament kif sejjer jingħad hawn taħt;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** limitatament għas-somma ta' tlitt elef mitejn u wieħed u sittin euro (€ 3,261) rappreżentanti l-import tar-rigal li hija ħallset lill-kumpannija mħarrka u tal-prezz tal-*airconditioning unit* li hija ħallset għalih imma li baqa' fil-post wara li ħarġet

minnu, bl-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tiċħad it-tielet talba attriċi** billi m'hijiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad ir-raba' talba attriċi** għaliex l-attriċi naqset li tressaq provi tajba biex tissostanzjaha; u

**Tordna** li l-attriċi terfa' tliet kwarti ($^{3}/_{4}$) tal-**ispejjeż tal-kawża,** flimkien ma' dawk marbuta mas-sentenza preliminari tat-8 ta' Ġunju, 2001, filwaqt li l-kumpannija mħarrka terfa' l-kwart ($^{1}/_{4}$) l-ieħor.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------